# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-81 laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgha 30 ta'Gunju 2010 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

***L-Agent S.E. informa li l-Vici Sindku ma kienx ser jattendi ghal din il-laqgha peress li kien indispost. Fic-cirkostanzi l-Kunsill qies din ir-raguni bhala valida u ghalhekk gie dikjarat bhala skuzat ghal-laqgha.***

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.00 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 80**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Torri tas-Semaforu**:* Is-Sindku nforma li l-bozza fis-setah kienet wehlet pero din kienet ta' kulur different minn dawk ta' l-art. Gie unanimament deciz li ghandna nkellmu lil-kuntrattur sabiex naraw hux possibli li z-zewg bozoz ikunu ta' l-istess kulur. Il-Kunsillier M. Mifsud li inghaqad mal-Kunsill aktar tard ikkonferma li hu kien ser ikellem lill-kuntrattur. Rigward il-kulur tal-bozza hu qal li personalment ma jara xejn hazin jekk il-bozoz ikollhom jibqghu kif inhuma.

**3.2** ***Para 3.2 – Kuntratt Gbir ta' l-Iskart**:* L-Agent S.E. informa li wara laqgha li huwa u l-Kunsillier A. Muscat kellhom mal-kuntrattur, dan kien accetta li jbiddel ir-rotta u jidher li bhalissa kollox miexi sew.

Is-Sindku ipprezenta l-istatistika ta' kemm ingabar skart organiku u separat matul ix-xahar ta' Gunju 2010.

**3.3** ***Para 3.3 – Devoluzzjoni Xelter:*** L-Agent S.E. informa li ghalkemm konna ktibna ghal iktar minn darba lid-Dipt. ta' l-Artijiet ghadna qed nistennew data ghall-iffirmar tal-kuntratt tad-devoluzzjoni. Hu ser ikompli isegwi.

**3.4** ***Para 3.4 – Ftehim Green MT:*** L-Agent S.E. informa li l-ahhar informazzjoni li rcieva iktar kmieni llum minghand Green MT kienet li sa ghada wara nofsinhar kien ser ikollna kopja tal-kuntratt sabiex ikun jista jigi ffirmat. Il-Kunsill heggeg li dan il-

kuntratt ikun finalizzat minghajr aktar dewmien. L-Agent S.E. intalab ukoll sabiex jinsisti mal-Green MT halli l-*bins* tal-*Bring in Site* jitbattlu aktar spiss.

Is-Sindku nforma li waqt laqgha ma ufficcjali tal-Wasteserv kienet giet diskussa l-possibilita' li l-*Bring-in Site* ta' Triq Caravaggio tigi rilokata ghal post iehor u tkun tat-tip *underground*. Fil-jiem li gejjin il-perit tal-Wasteserv ghandu jiltaqa ma' l-Agent S.E. sabiex flimkien jara fejn l-ahjar li din issir. Gie unanimament deciz li dan is-suggett ikun diskuss aktar fid-dettal meta jkollna l-informazzjoni minghand il-Wasteserv.

**3.5** ***Para 3.5 – Photovoltiac Tender*****:** L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew li jkollna kopja tal-Garanzija Bankarja minghand il-kuntrattur maghzul qabel ma jkun jista jsir l-iffirmar tal-ftehim ma' Alberta. Hu ser ikompli isegwi.

**3.6** ***Para 3.6 – Skema Ta' Ghajnuna Finanzjarja Ghal Korsijiet Lifelong Learning:*** L-Agent S.E. informa li sa nofs ix-xahar id-diehel il-Kunsill irid jinforma lid-Dipt. ghall-Gvern Lokali bil-korsijiet li kien behsiebu jidhol ghalihom taht din l-iskema. Huwa informa li malli jkollu d-dettalji dwar il-korsjiet tal-kompjuter, huwa jghaddi lid-Dipartiment l-informazzjoni mitluba.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-6.35 p.m.***

**3.7** ***Para 3.7 – Offerti:*** Gie unanimament deciz li l-fanali li prezentament hemm f'Misrah il-Knisja jigu installati hdejn in-nicca tal-Madonna tal-Gebla l-Kbira fi Triq Ghaxqet l-Ghajn meta dawn jinbidlu mal-godda. Fic-cirkustanzi l-Kunsillier A. Muscat kien ser jiehu hsieb ikellem lis-Sur Victor Camilleri halli jara x'jahseb dwar din l-proposta kif ukoll dwar kif dawn il-fanali jistghu jitqabbdu mal-kurrent elettriku.

L-Agent S.E. informa li x-xoghol fuq il-latrina pubblika ghandu jibda fil-granet li gejjin u mistenni jdum 7 gimghat. Matul dan il-perjodu l-latrina ser tkun maghluqa. Hu ser jiehu hsieb jinforma l-kuntrattur li jnaddaf il-latrina dwar dawn ix-xoghlijiet kif ukoll ser jinnegozja tnaqqis fil-hlas ta' kull xahar halli b'hekk il-Kunsill ikompli jhallas tal-ftuh u l-gheluq ta' Gnien il-Paci.

Rigward il-*website* kienet inharget il-*works order* lill-kuntrattur.

**3.8** ***Para 3.9 – Progett MTA:*** L-Agent S.E. informa li l-ittra lill-Ghaqda Astronomika Maltija kienet inkitbet u peress li sa issa konna ghadna ma smajna xejn minghandhom l-Agent S.E. intalab sabiex isegwi r-risposta.

Rigward il-pjanti tal-progett l-Agent S.E. informa li ghadu qed jistenna minghand l-MTA.

**3.9** ***Para 3.10 – Huggiega ta' San Gwann*****:** Il-Kunsillier P. Fenech informa li din l-attivita' kienet saret kif ippjanat. Huwa irrimarka li ghalkemm kienet saret pubblicita permezz ta' *flyers* li tqassmu f'kull dar, l-attendenza kienet inqas minn dik mistennija izda dan jista kien dovut ghal loghob tat-Tazza tad-Dinja li qed isir bhalissa.

**3.10** ***Para 3.11 – Kors ta' l-Ghawm:*** L-Agent S.E. informa li ghalkemm il-Kunsill kien ghamel sejha ghal kwotazzjonijiet kif titlob il-ligi sabiex jigi ipprovdut is-servizz tat-

trasport hadd ma kien applika. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li l-Agent S.E. ghandu javvicina direttatment operaturi tat-trasport u jitlobhom kwotazzjoni. Is-servizz ghandu jinghata lil dak l-operatur li jikkwota l-inqas prezz. Dettalji dwar il-kwotazzjonijiet migjuba ghandhom jigu pprezentati lill-Kunsill fil-laqgha li jmiss halli tigi ratifikata d-decizjoni tal-ghazla tal-operatur.

**3.11** ***Para 3.13 – Studenti Barranin*: –** L-Agent S.E. informa li konna gejna nfurmati minn Paragon li minn ghada ghandha tigi studenta Pollakka sabiex tibda tahdem fl-ufficcju tal-Kunsill matul is-Sajf.

**3.12** ***Para 3.14 – Programm HENCE*** – Is-Sindku ta dettalji tal-partecipazzjoni tieghu fil-konferenza li giet organizzata fl-Italja.

**3.13** ***Para 3.15 – Humps fi Triq Santa Katerina*:** L-Agent S.E. informa li kif kien diga gie kkomunikat verbalment lill-Kunsillieri, l-prezz ikkwotat minn Bitmac Ltd. kien ghal kull *hump* u mhux ghat-3 *humps* kif kien informa fl-ahhar laqgha tal-Kunsill. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li jsiru 2 *humps* u l-Agent S.E. intalab sabiex johrog il-*Works Order* lil Bitmac Ltd. Dan peress li l-offerta tal-Bitmac Ltd xorta wahda kienet unanimament meqjusa bhala l-aktar wahda vantaggjuza.

**3.14** ***Para 3.16 – Jum Hal Gharghur 2010:*** Is-Sindku ta dettalji dwar l-harga ghal Bugibba u l-attivita' ghat-tfal.

Rigward il-kantanti ghall-attivita' muzikali ta' Jum Hal Gharghur, dawn ghadhom iridu jigi identifikati. Rigward l-armar ta' bar waqt l-attivita' muzikali, ghadna qed nistennew risposta minghand il-Kappillan dwar jekk il-Kumitat tal-Festa humiex interessati li jiehdu hsieb dan.

Dwar l-attivita' muzikali gie unanimament deciz li jitqassmu *flyers* f'kull residenza, jitwahhlu avvizi fuq in-*noticeboards* u jsir avviz fuq il-*website*.

Is-Sindku fakkar fil-laqgha li ser issir mal-Kapillan dwar Jum Hal Gharghur u ic-celebrazzjoni li ser issir fil-Knisja. Il-Kunsilleri huma mistiedna jattendu.

**3.15** ***Para 5.1 – Kelb abbandunat fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki :*** Is-Sindku nforma li l-haddiem tal-Kunsill kien bexx t-toroq ta' dan il-Qasam tad-Djar u wara dan ma kienux dahlu iktar ilmenti dwar dan il-kaz.

**3.16** ***Para 5.2 – Karozzi fi Triq Sant Katerina:*** L-Agent S.E. informa li wara li kienu gew ikkuntattjati l-Gwardjani Lokali, t-3 vetturi li kien hemm fil-post tnehhew u ghalhekk setghu isiru l-marki tat-traffiku.

**3.17** ***Para 6.2 – Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf:*** L-Agent S.E. informa li konna ktibna lid-Dipt. ghall-Gvern Lokali bil-proposti taghna taht din l-iskema.

**3.18** ***Para 6.5 – Progetti Taht il-Fond Ewropew ghall-Izvilupp Regjonali (FEZR) 2007-2013 Immirata ghall-Kunsilli Lokali :*** Is-Sindku nforma li konna geja infurmati li ma stajniex napplikaw ghall-fondi peress li l-bini (l-iskola primarja) ma kienitx propjeta tal-Kunsill.

**3.19** ***Para 6.6 – Keep Clear fi Triq il-Mithna :*** L-Agent S.E. informa li r-resident li kien ghamel it-talba kien ikkuntattja lil-Kunsill sabiex ikun jista jsir ix-xoghol mehtieg pero dan kien gie nfurmat li x-xoghol irid isir minn Transport Malta.

**3.20** ***Para 7.1 – Tisqija permezz ta' bowser :*** L-Agent S.E. informa li s-servizz kien inbeda kif approvat.

**3.21** ***Para 7.2 – Riklamar fil-fuljetti tal-Festa :*** L-Agent informa li sa issa kien ghad ghandu biss il-konferma tal-Parrocca dwar dan is-suggett. Hu ser ikompli isegwi ma l-Ghaqda tan-Nar u mal-Banda.

**3.22** ***Para 7.3 – Mutur tal-Bexx :*** L-Agent S.E. ipprezenta l-kwotazzjonijiet ghax-xiri ta' mutur tal-bexx u gie unanimament deciz li jinxtara mutur minghand Bonnici ghall-prezz ta' € 198. Dan peress li dan kien l-irhas prezz li gie ikkwotat.

**3.23** ***Para 7.4 – Landfill tal-Maghtab :*** L-Agent S.E. informa li l-ittra lil Wastserv kienet intbghatet kif approvat.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament. Gie approvat ukoll kont ta' € 46.72 minghand JJ Ironmongery ghall-kiri ta' siggijiet fl-okkazjoni tal-Huggiega ta' San Gwann kif ukoll kontijiet ohra ipprezentati mill-Kunsillier P. Fenech li jammontaw ghal € 85.50 li kienu waslu wara li harget is-*Schedule of Payments.*

## 5 Ilmenti u Suggerimenti

**5.1** Ilment minghand resident dwar problema tat-traffiku ikkawzata minn vetturi li jkunu sejjrin minn Triq San Gwann ghal Triq San Bartilmew. Gie deciz li l-Kunsill jikkonsulta mal-Koptasin dwar x'inhi l-ahjar soluzzjoni ghal din il-problema.

**5.2** Talba sabiex resident jirranga l-bankina ta' quddiemu fi Triq San Gwann peress li issa ghandu *garage* u l-vetturi qed ihokku mal-bankina huma u dehlin jew hergin mill-garage. Il-Kunsill approva din it-talba bil-kundizzjoni li l-kurduna titbaxxa permezz ta' *drop kerbs* u li l-wicc isir bil-madum bhal kumplament tal-bankina.

## 6 Korrispondenza

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li ghandna niccekkjaw jekk konniex oggezzjonajna ghall-applikazzjoni PA5517/09 peress li issa gew sottomessi pjanti godda.

**6.2** Korrispondenza minghand il-kap ta' l-iSkola Primarja fejn infurmatna li mis-sena

skolastika li jmiss hi kienet ser isservi fi skola ohra.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.3** Korrispondenza minghand l-ETC fejn gejna nfurmati li fil-gimghat li gejjien kienu ser jintbghatulna 2 haddiema ohra taht l-iskema Xoghol fil-Komunita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.4** Korrispondenza mill-Ufficcju tas-Seg. Parl. responsabbli mill-Kunsill Lokali fejn gejna nfurmati li konna ser ninghataw fondi taht l-iskema Restawr ta' Postijiet Storici.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.5** Korrispondenza minghand Paragon fejn gejna nfurmati li mill-1 ta' Lulju 2010 kienet ser tintbghat studenta Pollakka sabiex tahdem fl-ufficcju tal-Kunsill.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.6** Korrispondenza minghand l-AKLM fejn gejna nfurmati li kien intlahaq ftehim bejn l-Assocjazzjoni u l-WSC fir-rigward tal-hlas wara li jsir xoghol fit-toroq.

L-Agent S.E. spjega fil-qosor il-kontenut ta' dan il-ftehim u spjega li huwa mportanti li l-Kunsill ikollu kuntratt sabiex fi zmien 45 gurnata minn meta jsir ix-xoghol mill-WSC, il-kuntrattur tal-Kunsill jaghmel il-*permanent reinstatement*. Gie unanimament deciz li dan ix-xoghol ghandu jkun kopert fil-kuntratt ta' xoghol ta' tarmak li ghandu johrog dalwaqt kif ukoll sabiex l-istaff tal-Kunsill izommu d-dettalji tax-xoghlijiet li jkunu wettqu l-WSC u jsegwu l-pagamenti dovuti lill-Kunsill.

## 7 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**7.1** Peress li l-Kunsill kien rcieva diversi ilmenti gie diskuss fid-dettal il-permess li nhareg mill-Kunsill u l-Pulizija sabiex il-Gharghur FC ikunu jistghu jorganizzaw ikla biswit il-Kazin, il-Gimgha 25 ta' Gunju. Gie nnotat li ghalkemm il-permess tal-Kunsill u dak tal-Pulizija kienu jispecifikaw li t-triq ma tistax tinghalaq ghat-traffiku, it-triq inghalqet xorta u baqghet maghluqa anke wara li gew il-Pulizija fuq il-post. Il-Kunsill innota ukoll li avvizi li tqassmu mill-Gharghur FC u li kopja taghhom kienu twasslu ghand il-Kunsill minghand ir-residenti kienu jindikaw li t-triq qed tinghalaq bil-permess tal-Kunsill u tal-Pulizija meta dan ma kienx il-kaz.

Il-Kunsill unanimament qabel li ghandu jikteb lill-Kumitat tal-Gharghur FC u jikkopja lil-Pulizija tad-Distrett sabiex jinfurmahom li permessi futuri ser jinhargu biss jekk ikun hemm Pulizija jew Gwardjani Lokali prezenti fuq il-post kif ukoll wara li jkun sar avviz fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-Avviz Legali.

**7.2** Wara li giet ipprezentata l-*quotation* ta' l-ispejjez involuti sabiex isir *maintenance* lil-*photocopier* tal-Kunsill, gie unanimament deciz li ghandhom jingiebu *quotations* ghax-xiri / kiri ta' *photocopier* gdida u wara l-Kunsill jiddecieda dwar jekk ghandhiex tissewwa l-*photocopier* jew tingieb wahda gdida.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**7.3** Is-Sindku irrefera ghaz-zjara fil-lokalita' mill-Onor. Dr. Chris Said li saret aktar kmieni dan ix-xahar meta kienu diskussi l-hidma u l-pjani futuri tal-Kunsill. Is-Sindku informa li l-Onor. Said kien wera sodisfazzjon ghall-hidma li qed iwettaq il-Kunsill b'tant efficjenza u kien infurmana li l-Kunsill kien ser jiehu fondi taht l-iskema PPP. Aktar dettalji jaslulna fil-granet li gejjin.

**7.4** Wara talba li saret mill-President tal-Kazin tal-Banda sabiex issir laqgha mal-Kunsill gie unanimament deciz li din ghandha ssir fit-13 ta' Lulju fil-5:00 pm.

**7.5** Is-Sindku spjega li sfortunament il-harga tal-fuljett li jmiss mhux ser tkun lesta sa l-ewwel gimgha ta' Lulju 2010. L-Agent S.E. gie imheggeg sabiex isegwi mill-qrib it-tlestija tal-fuljett.

**7.6** L-Agent S.E. ipprezenta l-*Purchases Journal* li jinkludi t-transazzjonijiet kollha sa l-ahhar ta' Gunju 2010. Dan gie approvat unanimament.

**7.7** L-Agent S.E informa li minhabba ragunijiet personali relatati l-aktar ma tibdil fic-cirkostanzi tal-post tax-xoghol ufficjali tieghu ma l-Air Malta, huwa kien ser jirrezenja mill-kariga tieghu bhala Agent S.E. tal-Kunsill Lokali.

Is-Sindku u l-Kunsillieri filwaqt li irringrazzjaw lis-Sur Mizzi ghall-hidma tieghu fil-Kunsill, fhemu li mal-Kunsill is-Sur Mizzi ma ghandux impjieg permanenti u ghalhekk hu importanti ghas-Sur Mizzi li jhares l-interessi tieghu ma l-Air Malta. Is-Sur Mizzi ser jiehu hsieb jinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bir-rizenja tieghu. Is-Sur Mizzi ikkonferma li hu ser jkompli jaghti s-servizz tieghu sakemm jigi mahtur S.E. iehor.

## 8 Aggornament

**8.1** Il-laqgha giet aggornata fit-8:15 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie unanimament deciz li laqgha ohra ssir nhar it-Tlieta 13 ta' Lulju 2010 fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **13 ta' Lulju 2010** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |